MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 10/2010

**Anna Maria Cavallari**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta’ Mejju, 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

**“**L-Arbitru

Ra l-appell

Ra r-risposta

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti

Ikkunsidera

> Illi ssir riferenza ghal decizjoni fil-kaz numru 1060/08 moghtija llum stess, u tigi adottata ghal kaz odjern.
>
> L-appell qed jigi michud."

Ir-rikorrenti Anna Maria Cavallari appellat minn din is-sentenza biex tikkontesta l-pronunzjament ta' l-Arbitru minnha bazat fuq l-istess konsiderandi tal-Kaz Numru 1068/08 (Appell 9/10);

Fil-kaz prezenti permezz ta' ittra datata 5 ta' Jannar 2009 d-Direttur esiga minghand l-appellanti l-hlas lura tas-somma ta' €6507.49 *overpayment* ta' Pensjoni ta' l-Eta` ghall-perijodu mill-5 ta' Jannar 2002 sal-4 ta' Jannar 2008. Ir-raguni moghtija kienet li l-appellanti qeghda zzomm studenti fl-appartament taghha kontra pagament ghall-allogg. Kontra din id-decizjoni l-appellanti ressqet quddiem l-Arbitru l-identiku aggravju ghal dak prospettat fil-kaz predett Numru 1068/08;

Ghal darba ohra, bhal ma ghamlet fl-Appell 9/10, din il-Qorti ma tistax ma tirravvizax illi:-

1. Mill-kuntest tad-decizjoni appellata, formulata fuq dik l-ohra tal-kaz 1068/08, wiehed ma jistax jiddezumi bi kjarezza u b'certezza sufficjenti l-elementi estratti mill-vicenda processwali quddiem l-Arbitru;

2. Fl-istess decizjoni wiehed ma jirriskontra ebda esposizzjoni konciza tal-fatti rilevanti tal-kaz b'mod li jkun jista' jigi kkontrollat kif imiss d-decizjoni estrapolata minnhom;

3. Fil-kumpless, is-sentenza hi karenti u in kwantu tali censurabbli ghaliex mhux accettabbli illi l-Arbitru jaghmel semplici rinviju b'mod akritiku ghad-decizjoni tad-Direttur minghajr ebda rikollegament

esplicitu ghall-fattispeci tal-kontroversja rigwardanti l-komputazzjoni tas-somma li taghha ntalbet ir-ripetizzjoni. Dan huwa hekk ovvju in vista tal-fatt li din il-Qorti tinsab impeduta milli tikkontrolla kif jixraq il-logicita`, o meno, tal-provvediment ta' l-Arbitru u dak tad-Direttur qablu;

4. Mill-kumplament il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet agguntivi kollha minnha zvolti fid-decizjoni l-ohra taghha fl-Appell 9/10, kontestwalment pronunzjata.

Ghal motivi suesposti u dawk l-ohra ta' l-Appell Numru 9/10 il-Qorti qeghda tannulla s-sentenza appellata u ttirinvija l-atti lura lill-Arbitru ghad-deliberazzjoni u decizjoni minnu tal-punt kontrovertit in mertu ghall-komputazzjoni.  L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------